**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 27 ta' Settembru 2023**

**Rikors nru: 419/2023 AGV ;**

**SF**

Versus

MY

Il-Qorti;

Rat ir- Rikors ta' **SF** datat 26 ta' Lulju 2023;

Jesponi bir-rispett:

Illi l-partijiet izzewgu nhar il-hmistax (15) ta‘ Dicembru tas-sena 2013 u dan skont ic-certiftkat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dokument A:

Illi l-partijiet ilhom separati sa mis-17 ta‘ Mejju tas-sena 2023 permezz kuntratt ta‘ separazzjoni hawn anness bhala Dokument B li effetivament saret emenda tieghu fl-atti tan-Nutar Josef Masini Vento nhar is-17 ta‘ Mejju 2023 kopja anness bhala Dokument C ,

Illi l-partijiet ma ghandhomx tfal;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-istess mizzewgin;

Illi ma hemm l-ebda arretrati ta’ manteniment dovut.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artiklou 66B tal-Kodici Civili , Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta Malta.

Ghaldaqstant r-rikorrenti umilmentjitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat nhar il-15 ta Dicembru tas-sena elfej u tlettax (2013)

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghall daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zweig tal-partijet biex dan jigi registart fir-Registru Pubbliku.

**Rat ir-Risposta ta'   MY**

Illi l-mittenti ma ghandha l-ebda oggezzjoni ghar-rikjesta tad-divorzju u qieghda hi ukoll taccetta l-hall taz-zwieg mill-imsemmi rikorrenti .

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar il-15 ta' Dicembru 2013**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**